**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 25 ta' Mejju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Elliot Magro**

**Vs**

**Ibrahim Efes Ibrahim El-Degwy**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwy ta' 51 sena, bin Hafes u Soad Sukkar, mwieled gewwa l-Egittu, nhar it-2 t'Awwissu, 1965 u residenti gewwa 4A, Pjazza l-Vittorja, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 17291A;

Talli nhar it-13 ta' Mejju, 2017 ghall-habta tas-sebgha w kwart ta' filghaxija:

1) Minn gewwa residenza bin-numru 175 li tinsab sitwata gewwa Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, ikkommettew serq ta' flus kontanti kif ukoll oggetti ohra ghad-dannu tas-sidien ta' l-imsemmija residenza cioe' Carmel Camilleri, Jesmond Portelli u/jew persuna jew persuni ohra, liema serq huwa ggravat bil-valur li jeccedi s-somma t'elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) kif ukoll bil-mezz u bil-lok;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix mitejn u hamsin euro (€250) izda tiskorri tlieta w ghoxrin euri w disgha w ghoxrin centezmu (€23.29) u dan ghad-dannu ta' Carmel Camilleri, Jesmond Portelli u/jew persuni ohra;

U lil Omissis wahdu talli:

3) Fl-istess data, lok u cirkostanzi kiser il-liberta' provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D fid-digriet taghha datat 11 ta' Mejju 2016 li bih l-akkuzat kellu ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

4) Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputati bhala li saru recedivi ai termini ta' l-Artikli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienu misjuba hatja ta' diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

5) Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwy irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fil-25 ta' Mejju, 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b), (c), (e), 263, 267, 269, 278(3)(2), 279(b), 289 u 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat Ibrahim Hafes Ibrahim El-Degwy;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghall-piena ta' tmintax il-xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**